

32007D0205

L 91/48

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

31.3.2007

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**tat-22 ta' Marzu 2007**

li tistabbilixxi format komuni għall-ewwel rapport ta' l-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/42/KE rigward il-limitazzjoni ta' l-emissjonijiet ta' ċerti komposti organiċi volatili.

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2004/42/KE tal-21 ta' April 2004 dwar il-limitazzjoni ta' emissjonijiet ta' komposti organiċi volatili minħabba l-użu ta' solventi f'ċertu żebgħa u lostri u prodotti ta' lostru għall-irfinar tal-vetturi u li temenda d-Direttiva 1999/13/KE¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tagħha,

Billi:

- (1) Skond id-Direttiva 2004/42/KE, l-Istati Membri huma obbligati li jistabbilixxu programmi ta' monitoraġġ sabiex jivverifikaw il-komformità mad-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva u biex jirrapportaw ir-riżultati tal-programmi ta' monitraġġ u l-kategoriji u l-kwantitajiet ta' prodotti liċenzjati skond l-Artikolu 3(3) ta' dik id-Direttiva fuq il-bażi ta' format abbozzat mill-Kummissjoni.
- (2) Skond l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2004/42/KE f'konnessjoni ma' l-Anness I tagħha, l-Istati Membri għandhom iħejju u jissottomettu lill-Kummissjoni l-ewwel rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dik id-Direttiva sat-30 ta' Ġunju 2008 l-aktar tard.
- (3) Format komuni għal dak l-ewwel rapport li għandu jkopri l-ewwel perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2007 għandu għalhekk jiġi stabbilit.
- (4) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2004/42/KE.

¹ ĠU L 143, 30.4.2004, p. 87.

ADDOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:*Artikolu 1*

Għall-għanijiet tat-tfassil tar-rapport li jrid jiġi sottomess lill-Kummissjoni skond l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2004/42/KE, u li jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2007, l-Istati Membri għandhom jużaw il-format stabbilit fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Marzu 2007

Għall-Kummissjoni
Stavros Dimas
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX**FORMAT KOMUNI GĦAS-SOTTOMISSJONI TA' L-EWWEL RAPPORT DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAD-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 2004/42/KE GĦALL-PERJODU MILL-1 TA' JANNAR SAL-31 TA' DIĊEMBRU 2007**

Informazzjoni ġenerali u arranġamenti amministrattivi

1.1. L-awtorità responsabbli mir-rapport preżenti:

Isem	
Indirizz	
Il-Persuna tal-kuntatt:	
E-mail	
Telefown	

1.2. Fil-qafas ta' l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2004/42/KE, jekk jogħġbok indika l-awtorità jew awtoritajiet maħtura skond l-Artikolu 5 ta' dik id-Direttiva u responsabbli għal:

- (1) stabbiliment, koordinazzjoni u mmaniġġjar tal-programmi ta' monitoraġġ (fuq livell nazzjonali);
- (2) it-tweqqif ta' l-ispezzjonijiet u ċekkjar fil-post (fuq livell reġjonali u/jew lokali);
- (3) l-infurzar tal-kundizzjonijiet ta' dik id-Direttiva fil-każ ta' ksur.

Programm ta' Monitoraġġ (l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2004/42/KE)

1.3. Jekk hija disponibbli verżjoni miktuba tal-programm nazzjonali ta' monitoraġġ, jekk jogħġbok ipprova kopja tagħha fl-anness mar-rapport.

1.4. Fil-qosor iddeskriwi l-programm stabbilit biex jissorvelja u jivverifika l-konformità mad-Direttiva 2004/42/KE b'referenza partikolari għall-elementi li ġejjin:

- (1) il-valuri tal-limitu tal-VOC stabbiliti fl-Anness II għal dik id-Direttiva;
- (2) il-kundizzjonijiet ta' ttikkettjar stabbiliti fl-Artikolu 4 ta' dik id-Direttiva.

1.5. Jekk jogħġbok indika, jekk l-ispezzjonijiet twettqux fuq dawn l-operaturi li ġejjin:

- (1) manifatturi tal-prodotti koperti bid-Direttiva 2004/42/KE;

- (2) Importaturi tal-prodotti koperti bid-Direttiva 2004/42/KE;
- (3) bejjiegħa bl-ingrossa, bejjiegħa, utenti-aħħarija professjonali ta' prodotti regolati jew operaturi oħra, inkluż per eżempju installazzjonijiet tar-raffinitura tal-vettura li m'għadhomx koperti bid-Direttiva 1999/13/KE.

Aktar minn hekk, jekk daww l-ispezzjonijiet jitwettqu jew jogħgħbok iddeskrivihom fil-qosor:

- (1) tipi ta' spezzjonijiet imwettqa (żjarat fis-sit, teħid tal-kampjuni u analiżi tal-prodotti, verifiki ta' l-istokk u *data* dwar il-bejgħ, iċċekkjar tat-tiketti, oħrajn);
- (4) il-frekwenza ta' l-ispezzjonijiet imwettqa (spezzjonijiet annwali sistematiċi, spezzjonijiet limitati għall-aktar produtturi/importaturi importanti, spezzjonijiet għall-għarried, oħrajn).

- 1.6. Jekk jogħgħbok indika n-numru ta' intrapriżi involuti fil-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' prodotti li kienu spezzjonati fl-2007, u, jekk possibbli, in-numru ta' spezzjonijiet pjanati għall-2008 preferibbilment billi timla t-tabella li ġejja. Jekk inhu possibbli, jekk jogħgħbok indika estimi tan-numru totali ta' atturi involuti fil-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-prodotti u l-kwantitajiet totali tal-prodotti konċernati (Prodotti u mqassma fl-2007 fl-Istati Membri rispettivi):

Tip ta' operaturi	Total tan-numru ta' operaturi eżistenti	Numru ta' operaturi spezzjonati fl-2007	Kwantitajiet totali tal-prodotti koperti bid-Direttiva 2004/42/KE (kg)	Spezzjonijiet pjanati fl-2008
Il-fabbrikanti				
L-Importaturi				
Oħrajn				

.

- 1.7. L-awtoritajiet kompetenti, kif jivverifikaw li l-konformità ġiet stabbilita billi jintużaw metodi ta' kejl ta' referenza deskritti fl-Anness III għad-Direttiva 2004/42/KE?
- 1.8. Jekk huma involuti għadd ta' awtoritajiet fl-implimentazzjoni tad-Direttiva 2004/42/KE (irreferi għall-punt 1.2 hawn fuq), jekk jogħgħbok indika l-miżuri meħuda biex jiżguraw l-aktar implimentazzjoni uniformi possibbli ta' dik id-Direttiva fit-territorju kollu.

- 1.9. X'inhuma r-regoli fuq il-penaltajiet applikabbli fuq il-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skond l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2004/42/KE?
- 1.10. Jekk inhu possibbli, jekk jogħġbok ipprovdni estimi tan-numru totali ta' personell involut fil-monitoraġġ u l-kontroll, il-kwalifiki tagħhom kif ukoll l-estimi ta' l-ispejjeż tal-monitoraġġ f'EUR kull sena (personell, teħid tal-kampjuni u analiżi, iċċekkjar tat-tikketti, infurzar, spejjeż oħra).
- 2. Riżultati ewlenin tal-programm ta' monitoraġġ imwettaq fl-2007 (L-Artikolu 7 tad-Direttiva 2004/42/KE)**
- 2.1. Kif imqabbel man-numru totali ta' spezzjonijiet imwettqa, kemm-il inċident ta' non-konformità (f%) mal-valuri ta' limitu VOC fl-Anness II għad-Direttiva 2004/42/KE ġew identifikati fl-2007? Jekk hu possibbli, jekk jogħġbok indika:
- (2) kategoriji tal-prodott konċernat f'konformità ma' dak l-Anness;
 - (3) kwantitajiet tal-prodotti li ma jikkonformawx ma' dawk il-valuri ta' limitu.
- 2.2. Kif imqabbel man-numru totali ta' spezzjonijiet imwettqa, kemm-il inċident ta' non-konformità (f%) ma' l-obbligi tat-tikkettjar stabbiliti fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/42/KE ġew identifikati fl-2007? Jekk hu possibbli jekk jogħġbok iddistingwi bejn il-kategoriji li ġejjin:
- (4) prodotti li ma jikkonformawx mal-kundizzjonijiet rigward it-tikkettjar u l-kontenut tal-VOC;
 - (5) prodotti li jikkonformaw mal-kundizzjonijeit rigward il-kontenut tal-VOC imma mhux mal-kundizzjonijiet tat-tikkettjar.
- 2.3. F'każijiet ta' non-konformità, sussegwentement x'azzjonijiet ittieħdu sabiex tiġi żgurata l-konformità mad-Direttiva 2004/42/KE?
- 3. Eżenzjonijiet mogħtija skond l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2004/42/KE**
- 3.1. Kif ġie stabbilit ir-reġim tad-deroga previst fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2004/42/KE?
- 3.2. X'sistemi ta' kontroll twaqqfu biex jiżguraw li l-prodotti koperti bid-deroga taħt l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2004/42/KE ma jinbigħux u ma jiġux użati mill-installazzjonijiet li la huma awtorizzati u lanqas reġistrati skond l-Artikolu 3 jew 4 tad-Direttiva 1999/13/KE?
- 3.3. Jekk disponibbli, jekk jogħġbok ipprovdni estimi tal-kwantità ta' prodotti eżentati (skond il-lista ta' klassifikazzjoni mniżżla fl-Anness 1 għad-Direttiva 2004/42/KE) fl-2007.
- 4. Liċenzji individwali mogħtija skond l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2004/42/KE**
- 4.1. Għamilt użu mill-possibbiltà li tagħti liċenzji individwali mogħtija kif previst fl-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2004/42/KE?

- 4.2. Jekk iva, jekk jogħġbok iddeskrivi fil-qosor kif taħdem is-sistema stabbilita għall-għoti ta' liċenzjoni individwal:
- (6) Liema awtoritajiet huwa inkarigati biex joħorġu l-liċenzji individwali?
 - (7) Liema awtoritajiet huwa inkarigati biex jaħtru l-bini u/jew vetturi klassiċi bħala ta' valur storiku u kulturali?
 - (8) Kif ġew stabbiliti l-kriterji ta' valur storiku u kulturali?
 - (9) Jekk possibbli, jekk jogħġbok ipprovdni estimi tan-numru ta' bini u/jew vetturi klassiċi li ġew maħtura mill-awtoritajiet kompetenti bħala li huma ta' valur storiku u kulturali partikolari.
 - (10) Kif inhu żgurat li l-prodotti in kwistjoni huma
 - (a) Mibjugħa biss fi kwantitajiet "strettament limitati";
 - (b) Użati biss għall-għan ta' restorazzjoni u manutenzjoni ta' bini u/jew vetturi klassiċi?
 - (11) Jekk jogħġbok iddeskrivi l-kategoriji u l-kwantitajiet ta' prodotti liċenzjati skond l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2004/42/KE, preferibbilment billi tuża t-tabella li ġejja:

Kategoriji	Korrispondenza ma' l-Anness I għad-Direttiva 2004/42/KE	Kwantitajiet ta' prodotti 'lesti biex jintużaw' li nghatilhom liċenzja (kg)
Kategorija 1		
Kategorija 2 eċċ.		

5. Informazzjoni oħra rilevanti

- 5.1. X'kienu d-diffikultajiet ewlenin fit-twaqqif u l-implimentazzjoni tal-programm ta' monitoraġġ, inkluż problemi bl-implimentazzjoni tad-Direttiva jew problemi amministrattivi fl-implimentazzjoni ta' programm konkret ta' monitoraġġ? Kif ingħelbu dawk id-diffikultajiet?
- 5.2. Jekk jogħġbok ipprovdni kummenti rilevanti addizzjonali, suġġerimenti jew informazzjoni f'relazzjoni ma' l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2004/42/KE.